

# It-Tlugħ is-Sema tal-Madonna ta' Giuseppe Calì (1846-1930)



Minn E. V. Borg

Il-post ċentrali, irriservat għal dan il-kwadru, fl-apside wara l-altar maġġur bilfors jolqot l-għajn, mhux biss minħabba d-daqs monumentali li fih (3.78 metri għoli u 1.96 metri wisa) iżda wkoll għax huwa l-pittura li l-ewwel ma tilmaħ mill-portal ta' barra għax qiegħed fuq l-assi tal-kursija. Tant hu popolari dan l-artist mal-pubbliku Malti, bħala l-pittur tal-knejjes li diffiċli tersaq lejn ix-xogħol tiegħu b'mod oġġettiv, sewwa għax hemm tradizzjoni qawwija ta' fama kważi mitika dwaru u wkoll għax qatt ma saret evalwazzjoni kritika tal-arti tiegħu fl-isfond internazzjonali. Għax, x'aktarx ripetutament tqabbel mar-rivali tiegħu lokali. Importanti li dan ix-xogħol jitqiegħed f'perspettiva storika mingħajr ma jnaqqas il-livell tal-valur tekniku u pittoriku li jilħaq. Calì kien pittur ta' ħila kbira teknika.

Iżda kemm kien oriġinali, kreattiv u qabel żmienu? Jekk nieħdu dan il-kwadru bħala rappreżentattiv ta' xogħlu (meqjus bħala l-aħħar pittura maġġura titulari li ħadem fl-1919 meta l-artist kellu kważi 70 sena) nindunaw f'perspettiva storika li l-immaġini bħala kompożizzjoni u ikonografi hija essenzjalment tradizzjonali. Importanti li mmorru lura fiż-żmien u biżżejjed inħarsu lejn xogħlijiet ta' Raffaello u Tiziano biex nanalizzaw is-sorsi tal-artist.

L-iżjed pittura kruċjali f'dan ir-rigward hija dik ta' Tiziano tal-istess suġġett fil-knisja ta' Santa Maria Gloriosa dei Frari, Venezja (1518). Biss ta' min isemmi erba' xogħlijiet ta' Raffaello li kienu seminali bħala kompożizzjoni u ikonografija: l-Inkurnazzjoni tal-Madonna, it-titular Oddi (1502), Pinakoteka Vatikana, Ruma; Il-Madonna ta' Foligno (1511-12), Pinakoteka Vatikana, Ruma; Il-Madonna Sistina (1513-14), Gemädegalerie, Dresden; it-Trasfigurazzjoni (1518-20), Pinakoteka Vatikana, Ruma. Bħala kompożizzjoni minn xogħol Raffaello t-Trasfigurazzjoni toqrob l-iżjed lejn l-Assunta ta' Tiziano u interessanti li saru fl-istess snin. Barra minn hekk dawn kienu x-xogħlijiet



It-Titular fil-Knisja tal-Qrendi, impitter minn Giuseppe Calì



Il-Pittura ta' Tiziano fil-Knisja ta' Santa Marija Gloriosa dei Frari, Venezja

klassiċi li influwenzaw l-iżjed lil Calì. Qiegħed neskludi kważi għal kollox l-Inkurunazzjoni, it-titular Oddi għax f'din il-pittura Raffaello jaqsam il-kompożizzjoni fi tnejn bħalma kien isir fl-ikonografija taż-Żminijiet tan-Nofs (Medjevu) u fir-Rinaxximent bikri. Dan Calì evitah għax is-sors tiegħu kien ir-Rinaxximent Għoli.

L-iżjed ħaġa evidenti fil-pittura ta' Calì, li turi li ried jgħaqqad il-parti ta' fejn tidher l-immaġni tal-Madonna tiela' s-sema u dik ta' taħt fejn id-dixxipli jidhru u jinħassu skantati u immeraviljati, hija ġwienaħ l-anġlu (li qiegħed jistrieħ mal-qabar jew aħjar sarkofagu) li jmissu mal-mantell ta' Santa Marija. Dan juri li l-pittur kien konxju min dak li għamlu artisti qablu (Raffaello u Tiziano) li pittru d-dixxipli b'idejhom 'il fuq bħala espressjoni ta' minn qiegħed jistgħaġeb. Iżda fit-totalità u fl-unità tal-kompożizzjoni Calì warrab għal kollox mill-moviment dinamiku li jeżisti fix-xogħlijiet ta' Raffaello u Tiziano. Għall-kuntrarju jipprova jxejjen l-azzjoni biex jikseb trankwilità, sliem u paċi fil-parti ta' fuq fejn il-figura tal-Madonna qiegħda fi trans (waqt li l-figura hija kważi stilizzata l-mant biss qiegħed itir bir-riħ), b'għajnejha jħarsu 'l fuq għax ruħha diġà ngħaqdet mal-Missier ċelesti (l-anġli jixdhu dan) għalkemm fiżikament qiegħda tidher lid-dixxipli. Id-dixxipli għalkemm mistgħaġba jiffurmaw grupp solidu pakat mingħajr moviment ta' ġesti artikulati, għalkemm l-emozzjoni hija sentita u espressiva.

Id-dawl jew dija li jdawwar lill-Madonna bħal f'fosdqa li tissejjaħ '*mandorla*', fdal mill-pittura medjevali, f'dan il-każ hu reali u naturali, mhux stilizzat. Dan huwa meħud mill-mastri; is-sarkofagu angolat kienet użanza komuni biex l-artist jikseb fond jew pjan; il-figura tad-dixxiplu fuq quddiem, in-naħa tal-lemin meħud minn kapolavuri simili (kważi misruq), waqt li t-tarġa taħt is-sarkofagu tgħin biex toħloq spazju quddiem ix-xena li qiegħda tiżvolġi quddiem għajnejna. Il-ħaġra jew għatu

tal-qabar mitfugħa fl-art fi djagonal jew aħjar ortagonal iżżid il-fond u toħloq pjan ieħor. X'aktarx serviet mezz biex l-artist jipplażma l-azzjoni fl-għoli biex jekk isfel tal-kwadru jitgħatta bl-artal maġġur minn jarah mill-bogħod ma jitlef xejn min-narrattiva.

Fil-parti superjuri tal-kwadru l-artist juża kuluri ċari, kważi pastel li huma eku tal-pittura oriġinali li kien hemm qabilha ta' Rocco Buhagiar(c.1725-1805) li tqiegħed fis-sagristija tal-knisja, kważi bejn wieħed u ieħor mitt sena qabel. Fil-parti inferjuri fil-panneġġ tal-Madonna fejn tmiss mad-dixxipli u fil-mant taż-żgħażugħ San Ġwann, Calì uża aħmar sħun jgħajjat eku mill-palette li kien uża fil-'Mewta ta' Dragut' (1867) li kmieni fil-karriera tiegħi ta' kritiku kont għidt li hija forsi l-iżjed pittura li fiha ħa riskju u moderna fis-sens li bħal Delacriox uża l-kulur bħala għan fih innifsu, b'mod simboliku u mhux f'sens naturali u realistiku. L-aħmar fil-mant ta' San Ġwann huwa l-punt ta' referenza fis-suġġett, fil-kompożizzjoni. Fil-fatt mhix ċentrali fil-kwadru iżda 'l isfel. Probabbli Calì pitter il-kwadru biex l-ispettatur iħares 'il fuq u jgħoxa bl-ispettaklu, biex jagħti s-suġġett monumentalità, għalhekk il-perspettiva hija 'l fuq mill-għajn *(above eye level)*.



**It-Titular Oddi fil-Pinakoteka Vatikana, Ruma ta' Raffaello**

Interessanti wieħed isemmi xogħlijiet oħra ta' pittura li setgħu influwenzaw lill-artist jew li għażel li jinjorhom. L-Assunta ta' Rubens (c.1626, Katidral, Antwerp) fiha moviment Barokk teatrali 'l bogħod mill-klassiku ta' Calì, dak ta' Poussin (1630-32, Alisa Mellon Bruce Fund, *National Gallery of Art*, Washington) huwa revoluzzjonarju mqabbel ma' xogħol l-artist Malti; dak ta' Annibale Carracci (1600-01, Kappella Cerasi, Santa, Maria del Popolo, Ruma) huwa xogħol qawwi, vigoruż u dak ta' Mateo Cerezo (c1650, Museo del Prado) jippreżenta s-sarkofagu angolat skont it-tradizzjoni. Interessanti dak ta' Ambrogio Bergonogne (c.1453-1523, minn Milan, *Metropolitan Museum of Art, New York*) u Francesco Botticini (1475-76, The *National Gallery*, Londra) li juru l-bidla tremenda mill-arti tal-Medjuevu għal dik Rinaxximentali.

Jingħad li l-Parroċċa tal-Imqabba kkummissjonat dan il-kwadru lil Giuseppe Calì iżda billi l-Imqabbin ikkunsidraw l-ispiża ta' 40 lira bħala għolja, il-Qrendin ħadu l-inizjattiva u xtrawh. Dan ġara fi żmien il-kappillan Dun Alfonso Tabone (1893-1926).


Tal- Parrina

Confectionery & Convenience Shop



Triq is-Salvatur, Qrendi

Tel: 2164 9489

Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt mis-6.00am sat-8.30pm

Ħdud u Festi mis-6.00am san-12.30pm